

TAGĦRIF



Franco Pellegrini

Segretarju Kummissjoni Restawr

# Il-Pittura ta' Giuseppe Cali` fil-Knisja Parrokkjali

Minn żmien għal żmien konna qegħdin nagħtukom tagħrif dwar il-progress tar-restawr fil-Knisja Parrokkjali u dan l-aħħar b'mod partikolari dwar ir-restawr tal-pittura ta' Giuseppe Cali` fil-koppla u s-saqaf tal-knisja.

Bl-għajnuna ta' Alla, bil-ħidma ta' ħafna voluntiera u bil-ġenerożita` tal-poplu ta' Ħal Lija u diversi benefatturi, ix-xogħol ta' konservazzjoni u restawr tal-pittura issa mexa ġmielu. Il-koppla u l-lanterna tlestew minn kollox. Ix-xogħol fuq il-pittura tal-korsija beda u ġa tlestiet l-ewwel navata. Bħalissa qed isir restawr fuq it-tieni u t-tielet navata tal-korsija u eventwalment isir restawr fuq il-pittura ta' fuq il-bieb prinċipali tal-knisja. Hu ttamat li dan ix-xogħol fuq il-pittura tas-saqaf tal-korsija jitlesta sal-aħħar ta' din is-sena, sakemm ma jinqalgħux xi diffikultajiet imprevisti.

Din id-darba xtaqt li nwassal lill-qarrejja x'kien kiteb il-Kavallier Rafel Bonnici Cali` (li kien ukoll għamel xogħol ta' restawr fuq il-pittura ta' Giuseppe Cali`) f'kitba li ġiet ippubblikata fil-ktieb "Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Lija" fl-1982. Dak li qed nirriproduċu, bil-permess ġentili tal-Editur tal-ktieb Monsinjur Vincenzo Borg, hu estratt minn kitba itwal dwar il-pittura kollha li żżejjen il-Knisja Parrokkjali. Dan hu studju interessanti u mimli tagħrif siewi. Jien ħadt minnu dak li għandu x'jaqsam mal-pittura ta' Giuseppe Cali`. It-tagħrif u l-kummenti li jagħtina Rafel






Bonnici Cali` huma mportanti biex aħna nistgħu napprezzaw iktar l-opra li biha hi mżejjna l-knisja.

Ġesu` Salvatur iberikna u jżomm il-ħarsa tiegħu fuqna.

**Franco Pellegrini**

**Il-Pittura fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Lija**

*mill-Kavallier Rafel Bonnici Cali`*

*(estratt mill-kitba ppubblikata fil-ktieb "Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Lija" – 1982-*
*Editur Mons. Vinc. Borg)*

Il-knisja ta' Ħal Lija hija waħda mill-knejjes tagħna li għandha pittura nteressanti, kemm għal dik li hija storja u kemm għal dik li hija arti pittorika fil-qasam tal-arti Maltija. Nsibu lil Giuseppe Cali` jaħdem erba' Kwadri tal-Via Sagra mill-isbaħ li juru l-istazzjonijiet 1, 5, 8 u 9 fejn wera xeħta ġdida tal-arti mimlija ħajja, dawl, u kontrasti ta' kuluri mill-aktar brillanti. Il-firma tal-pittur u d-data 1875 tidher fuq il-ħames stazzjon, jiġifieri meta Xmun Ċirinew għen lil Ġesu` jerfa' s-Salib, u dan huwa tabilħaqq l-isbaħ xogħol fost l-erba' kwadri.

Fl-1891 Cali` ġie msejjaħ biex ipinġi żewġ kwadri oħra tal-artali, il-Kurċifiss u l-Kunċizzjoni; tal-ewwel b'kuluri mudlama biex jurina t-Traġedja Divina u tat-tieni b'kuluri l-aktar ċari biex jurina l-Glorja tal-Madonna. Dawn ix-xogħlijiet kienu l-ħmira biex Cali`jerġa' jiġi mqabbad

biex jagħmel xogħol wisq akbar fuq is-saqaf kollu tal-knisja li kien mibdi mill-pittur Injazju Cortis dwar l-1880 u dam wisq fix-xogħol għax kien jaħdem b'paċenzja kbira, tant li xebba lill-poplu u lill-istess Kappilan Cortis li kellu jqabbad lil Cali` ħalli jkompli x-xogħol tas-saqaf.

Cali` beda x-xogħol tas-saqaf mill-iskutella tal-Koppla bla flieli u għalhekk kellu xogħol iebes biex jimliha bil-figuri u tliet xeni differenti tal-Milied f'Betlem, jiġifieri t-Twelid tal-Bambin, it-Tħabbira tal-Anġli lir-Ragħajja u l-Miġja tas-Slaten Maġi biex jaduraw lis-Sultan tal-Lhud. B' danakollu Cali` għaraf jgħaqqad dawn it-tliet suġġetti f' kompożizzjoni l-aktar armonjuża u ħoloq xena aktar tas-sema milli ta' din l-art, imdawwla b'dija misterjuża li ssaħħar l-għajnejn ta' dawk kollha li jħarsu lejha. Hija xena mimlija bl-arti u l-poeżija fejn naraw tinda miżmuma mill-anġli flok l-għar tal-belt ta' Betlem fejn l-anġli jitħalltu mal-figuri umani tar-rgħajja u l-annimali tradizzjonali tal-baqra, il-ħmar, in-nagħaġ u l-iġmla tas-Slaten Maġi mmexxijin mill-kewkba misterjuża. Kollox juri poeżija bil-pinzell flok bil-pinna, bil-kuluri taż-żebgħa flok bil-linka.

Ninżlu issa ftit 'l isfel mill-koppla u nsibu l-pittura tal-erba' Profeti Kbar fil-pennakki li huma Isaija, David, Danjeli u Ġeremija, li tkellmu fuq Ġesu` Salvatur sekli qabel deher f'wiċċ din l-art, u naraw kemm Cali` kellu ħila joħroġ erba' figuri qishom ħajjin mill-ħajt tal-ġebel u taħsibhom ser ikellmuk bil-qagħda naturali tagħhom u l-mossi ta' jdejhom. Jispikkaw l-ilbies, id-drapp qisu veru bil-piegi u t-tikmix naturali, u fuq kollox jispikka l-Profeta Isaija bl-istudju anatomiku tiegħu.

Niġu issa għas-saqaf li Cali` qassam bi kwadru f'kull taqsima, jiġifieri, ix-xbieha tal-Lunzjata fit-taqsima tal-Kor b'erba' anġli wieħed f'kull rokna, u anġli oħra fl-irjus tat-twieqi u żewġ qaddisin fil-ġnub tat-twieqi. L-istess taqsim u xogħol jidher mal-kwadri tal-Korsija, ta' Kristu mas-Samaritana, Kristu jirxoxta lil Lażżru u ma' Kristu flimkien ma' Żakkew fis-saqaf tal-korsija. Naslu wkoll li naraw l-istess ħaġa mal-kwadri ta' Kristu ġo Emmaws u Kristu ma' San Pietru fis-saqaf tal-Kappelluni li flimkien jagħmlu sensiela ta' episodji magħżula mill-ħajja tas-Salvatur li l-Kanonku Dun Lawrenz Sagona sejħilhom l-isbaħ paniġirku magħmul mill-pittur Cali` flok minn paniġirku miktub bil-linka. Il-Viċi Konslu Ġermaniż, il-Baruni Von Tucker, li kien ukoll artist, kien stqarr li l-arzella ta' Kristu fost it-tfal lil Cali` pinġa 'l fuq mill-bieb il-kbir tal-knisja, kien l-isbaħ pittura li qatt ra f'ħajtu.

Kollox li jinsab f'din il-knisja hu maħsub biex bl-arti nagħtu ġieħ lil Alla tagħna. U jekk l-arti fil-knejjes ma twassalx għal dan il-fini din ma tkunx arti sagra. Għax nafu li l-arti daħlet fil-knisja biex tgħin fil-Liturġija, u b'hekk terfa' l-ħsieb tagħna lejn is-sema. Mela kellu raġun il-Kanonku Sagona isejjaħ li Cali` predikatur li għamel l-isbaħ paniġirku fuq is-Salvatur f'Ħal Lija.